# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : għargħur.lc@gov.mt Website : www.għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 45 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar t-Tlieta 17 ta' Diċembru 2013 fil- 5.00 p.m.***

**Presenti**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |
| **Assenti -Ambaxxtriċi Żgħażugħa** | Michelle Camilleri (skużata għax kellha impenn ieħor) |

**45/01 Talba**

45/01/01 Il-laqgħa bdiet fil-5.09 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba.

**45/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 44.**

45/02/01 **Emenda –** Biex jinbidel in-numru tal-Minuti tal-Laqgħa, sabiex isir 44 u mhux tal-Laqgħa 43. Din l-emenda ġiet approvata unanimament.

45/02/02 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u ffirmati l-Minuti 44/06 kif emendati. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti 44/06.

**45/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 44**

45/03/01 **Para 44/03/01 :** ***Tender*** **għax-xiri u installazzjoni ta'** ***lifter*****:** Is-SE infurmat li għadha qed tistenna lil-Perit ħalli jgħaddilha d-dokument meħtieġ biex tkun tista' toħrog is-sejħa kemm jista' jkun malajr. Ġ'ie unanimament deċiż li jekk il-Perit jibqa ma jipprovdix dawn id-dettalji fil-jiem li ġejjin, is-SE tipproċedi bis-sejħa u tuża l-informazzjoni li għandha.

45/03/02 **Para 44/03/02: It-Torri tas-Semaforu**: Is-SE infurmat li l-iffirmar tal-ftehim tal-kera għadu pendenti. Ġie unanimament deċiż li dan jiġi iffirmat kemm jista' jkun malajr kif diġa ġie deċiż fl-aħħar laqgħa. Ġie unanimament ikkonfermat li l-ftehim li kien ġie approvat għandu jiġi emendat ħalli l-kirja tkun tinkludi ukoll il-garaxx u l-ammont ta' kera jiżdied kif stipulat fl-offerta' li l-Kunsill kien irċieva. Dan skont ma kien ġie approvat mill-Kunsill aktar kmieni din is-sena. Ġie deċiż ukoll li kopja tal-ftehim iffirmat, flimkien mal-hlas tal-kera li hu dovut lid-Dipartiment tal-Artijiet u spjega li l-kirja issa qed tinkludi ukoll il-garaxx ghandhom jinbaghtu mis-Sindku lid-Dipartiment tal-Artijiet u lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali (DGL).

45/03/03 **Para 44/03/03:- Ġnien il-Paċi –** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit D. Falzon kien iċċertifika il-kont tal-Kuntrattur. Il-Kunsill unanimament approva li dan il-kont jitħallas. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) intalbet tikteb lis-sessjoni tal-UIF fil-MEPA ġalli jinġareg il-pagament lill-kuntrattur skont il-ftehim.

45/03/04 **Para 44/03/04: Ġnien tal-Ponta**: Is-SE infurmat li għadha ma rċevietx mingħand il-Perit Grech kopja tal-applikazzjoni l-ġdida lill-MEPA kif ukoll għad trid toħroġ is-sejħa għax-xiri tal-bankijiet u *bins* u toħrog il-*works order* lil ELC għal *Landscaping Works*. Is-SE intalbet tlesti dawn mill-aktar fis.

45/03/05 **Para 44/03/05:- *Crash Barrier* eċċ.** Is-SE infurmat lill-Kunsill li kienet bagħtet l-irċevuti fiskali tal-pagamenti u l-*claim* lid-DLG. Is-SE ser tkompli issegwi.

45/03/06 **Para 44/03/06**:- **Triq San Gwann**: Is-SE infurmat li għad trid titlob laqgħa mal-Perit Testaferrata de Noto filwaqt li l-ittra lil TM dwar miżuri fi Triq San Gwann ħdejn it-Torri tas-Semaforu ser tintbagħat fil-jiem li ġejjin.

45/03/07 **Para 44/03/10 :- Fuljett:-** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-fuljett kien tqassam. Ġie unanimament deċiż li jibdew isiru 1,400 kopja tal-fuljett. Is-SE intalbet tikteb lil-*printer* sabiex jipprovdi stima ġdida.

45/03/08 **Para 44/03/12:- Laqgħa mal-President tal-AKL** – Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li kemm huwa flimkien mal-Kunsillieri Vincent A Galea u Christopher Fenech attendew il-laqgħa ma Dr M. Sant. Huma kienu stiednu lil Dr Sant sabiex jiġi iżur il-Kunsill.

45/03/09 **Para 44/03/13:- Talba għal-informazzjoni relatata ma ġita għal-Sqallija** : Is-SE infurmat li kienet għadha ma rċevitx risposta bl-informazzjoni mitluba. Is-SE intalbet sabiex issegwi.

45/03/10 **Para 44/03/15 :- Laqgħa mas-CEO tal-Green MT** – Is-SE infurmat lill-Kunsill bid-dettalji tal-laqgħa li hi flimkien mal-Kunsillier Christopher Fenech kellha mas-*CEO* tal-*Green MT*. Is-SE tablet lis-*CEO* sabiex sa dakinhar tal-laqgħa tal-Kunsill huwa jibgħat pagament ta' €1,000 liema ammont suppost kien dovut lill-Kunsill mal-iffirmar tal-kuntratt. Ġie innotat li l-Kunsill kien għadu ma rċieviex il-flus sal-ħin tal-laqgħa. Is-SE intalbet issegwi mill-qrib. Ukoll, Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill jikteb lill-*Wasteserv* sabiex il-kontineturi tal-*Bring in Site* jinbidlu ma oħrajn ġodda kif ukoll jikteb lill-*Green MT* u lill-*Wasteserv* u jinfurmahom li l-Kunsill qabel li l-ġbir tal-iskart separat, mill-1 ta' Frar 2014, jibda jsir it-Tlieta u l-Gimgħa. Il-*Green MT* ser tagħmel il-promozzjoni ta' dan il-bdil u bil-*councillors* tagħha ser tieħu ħsieb tinforma lir-residenti. Ġie deċiż li Green MT tipprovdi *flyers* b'informazzjoni dwar dan it-tibdil ħalli jitqassmu mill-Kunsill. Dan kollhu ġie unanimament approvat.

45/03/11 **Para 44/03/16 L-Ikla tal-Milied**: Ġie unanimament approvat li r-riċeviment tal-Milied isir fis-27 ta' Diċembru u mhux fil-20 ta' Diċembru. Ġiet approvata unanimament il-lista tal-persuni li ser jiġu mistiedna għal dan ir-riċeviment.

45/03/12 **Para 44/03/17** – Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-MEPA dwar l-ilment fuq il-bini tal-bankina fi Vjal ir-Repubblika.

45/03/13 **Para 44/03/19** – Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-TM dwar it-talba tal-bini ta' parti minn Triq Indipendenza.

45/03/14 **Para 44/03/24** – Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-kontijiet tal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart.

45/03/15 **Para 44/05/04**:- Is-SE infurmat għad trid tikteb lit-TM dwar iż-żewġ kazijiet tar-*reserved parking.*

45/03/16 **Para 44/06/01** *:-* Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-banek l-sabiex tiġi installata ATM.

45/03/17 **Para 44/06/07 :- Festival tal-Halib:** - Is-SE infurmat li għadha ma rċevitx risposta mingħand il-Gvern dwar jekk hux ser jipparteċipa fl-organizzazjoni tal-Festival tal-Ħalib 2014. Is-SE intalbet tikteb u issegwi.

45/03/18 **Para 44/07/07 Kuntratti tax-xoghol tal-haddiema**: Is-SE infurmat li għadha qed taħdem fuq dawn il-kuntratti.

**45/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

45/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa kif ukoll l-ħlas lis-Sur Tony Camilleri ta' €120 li ser jieħu sehem waqt l-attivita' tal-anzjani. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash*.

**45/05 Ilmenti u Suggerimenti**

45/05/01 **Ilment 18113030203096** - Talba sabiex il-bankina ta quddiem dar 76 tiġi irranġata peress li meta saret ma saritx livellata u qed iżżomm l-ilma. Il-Kunsill innota li jekk togħla l-bankina jista jkun li r-residenta ikollha problema akbar għaliex l-ilma jibda jidħol ġod-dar taghha peress li għandha għatba baxxa. Ġie deċiż li s-SE tkellem lir-residenta qabel tittieħed deċiżjoni finali.

45/05/02 **Ilment 18113048203375** - Talba sabiex Triq Sta Katerina issir *one-way* u isir infurzar ħalli ma jidħlux vetturi kbar kif ukoll ma jkunx hemm *parking* ħażin fejn il-mekkanik. Il-Kunsill unanimament ma qabilx li Triq Sta Katerina issir *one way* peress li din tipprovdi aċċess importanti għar-raħal. Ġie innotat li diġa' hemm tabelli u sinjali tat-traffiku li juru li ma jistgħux jidħlu vetturi kbar fit-triq kif ukoll sabiex ma jsirx ipparkjar ħażin. Ġie unanimament deċiż li jiġu infurmati l-Gwardjani Lokali u l-Pulizija sabiex jagħmlu aktar sorveljanza.

45/05/03 Talba sabiex jiġi ipprojbit l-ipparkjar ta vetturi fi Triq il-Kbira minn ħdejn Triq il-Ġdida sa Triq il-Qiegħed. Ġie deċiż li din it-talba tiġi investigata qabel tittieħed deċiżjoni finali għalkemm bħala Kunsill ma għandux oġġezzjoni ladarba r-residenti stess qed jagħmlu din it-talba u t-triq hi dejqa ħafna.

45/05/04 Talba sabiex jinbena mill-ġdid ħajt tas-sejjieħ fi Triq Naxxar. Ġie unanimament deċiż li s-sid tal-għalqa jintalab jagħmel dan ix-xogħol kemm jista' jkun malajr.

45/05/05 Ilmenti dwar ħajt li qiegħed jinbena fi-Triq Santa Katarina peress li qed jiġi allegat li ladarba ser isir żvilupp it-triq għandha titwessa. Il-Kunsill unanimament qabel li dan l-ilment jiġi riferut lill-MEPA u nitolbu gwida kif ukoll informazzjoni dwar il-linja tal-bini.

Ukoll is-sid għandu jintalab sabiex jiġi jagħmel permess li jkopri t-tpoġġija ta’ materjal tal-bini fuq triq pubblika.

**45/06 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE:

45/06/01 Korrispondenza mill-MEPA dwar *Policy Framework for Tall Buildings in Malta-Extension of Public Consultation.* Il-Kunsill ħa nota ta’ din il-korrispondenza.

45/06/02 Korrispondenza mill-MEPA dwar *Talking Point-Firework Complexes Policy-Public Consultation*. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex tgħaddi kopja ta’ din il-korrispondenza lill-Għaqda tan-Nar.

45/06/03 Korrispondenza mill-MEPA dwar Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar Appell numru 229/03 u 206/12. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.

45/06/04 Ċirkulari tal-AKL numru 83/2013 dwar *Group Health Insurance Policy* 2014. Din ġiet innotata mill-Kunsill. Is-SE intalbet tieħu ħsieb tibgħat l-applikazzjoni bid-dettalji tal-Kunsillieri u *staff* li huma interessati li jissieħbu f’din il-polza.

45/06/05 Korrispondenza mill-*Paying Agency* dwar linji gwida ta’ kif għandhom isiru t-tabelli għall-Ġnien il-Ponta - *Publicity Guidelines.* Din ġiet innotata mill-Kunsill u s-SE intalbet issegwi dawn il-gwidi u tordna tabella kif meħtieġ.

45/06/06 Memo 31/2013 dwar Identifikazzjoni ta' binjiet fil-lokalitajiet biex fihom isir it-tiġdid tal-Karti tal-Identita`. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jipproponi li tintuża l-Iskola Primarja Maria Regina. Is-SE għandha tinforma lid-DGL b’din id-deċiżjoni.

45/06/07 Korrispondenza mill-AKL dwar Taħriġ fil-*Computers* mill-MCA. Il-Kunsill unanimament aċċetta li jsir dan it-taħriġ fil-Kunsill Lokali. Is-SE għandha tinforma lill-AKL/MCA b’din id-deċiżjoni.

45/06/08 Korrispondenza mingħand residenta dwar ‘*A gift to all the children of Gharghur’* . Din ġiet innotata mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament iħoss li t-toroq imsemmija f’din il-korrispondenza ma jistgħux jingħalqu għat-traffiku.

45/06/09 Korrispondenza mid-DGL dwar il-*Gala Concert* fl-okkazjoni tal-20 sena Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

45/06/10 Il-Kont tal-M Quip u ċ-ċertifikazzjoni mill-Perit Falzon. Dawn ġew innotati mill-Kunsill.

**45/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

45/07/01 Il-Kunsillier Christopher Fenech informa lill-Kunsill li hemm bżonn isiru marki ġodda fi Triq Dun Karm Vella ħalli l-ipparkjar tal-vetturi ikun regolat aħjar. Il-Kunsill unanimament approva dan ix-xogħol.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : għargħur.lc@gov.mt Website : www.għargħur.gov.mt**


45/07/02 Il-Kunsillier Vincent A. Galea nforma lill-Kunsill dwar il-bżonn li jinbena *culvert* fi Triq San Ġwann kantuniera ma Triq Gargallo. Ġie innotat li l-Kunsill m'għandux il-fondi sabiex jibni dan il-*culvert* imma fil-passat il-Kunsill kien offra li jibni *centre strip* ħalli isservi sabiex it-traffiku ikun regolat aħjar u fl-istess ħin tiggwida l-ilma tax-xita sabiex jimxi lejn il-wied. Il-Kunsillier Vincent A Galea intalab jikkunsidra din il-proposta li hi prattika u l-Kunsill għandu l-fondi sabiex jwettaq dan ix-xogħol jekk jiġi approvat mit-TM.

45/07/03 Il-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi talab lill-Kunsill biex jinżebgħu mill-ġdid il-marki tat-traffiku fi Triq Fidel Zarb u biex *manhole* isirilha l-lastiku peress li qiegħda tħabbat. Il-Kunsill unanimament approva dan ix-xogħol.

45/07/04 Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' Mixja sal-Għar kif ukoll approva x-xiri ta' materjal li hemm bżonn sabiex tiġi organizzata din l-attivita'. Il-Kunsill approva ukoll is-sehem tal-iScouts kif ukoll li jinkera t-trasport għat-tfal tal-Kor tal-Iskola Primarja Maria Regina ta' San Pawl il-Baħar. Il-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jieħdu ħsieb li jarmaw l-Għar.

45/07/05 Is-Sindku ippreżenta skeda tal-laqgħat tal-Kunsill għall-ewwel sitt xhur tas-sena 2014.

45/07/06 Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon li l-attivita' tal-Milied fil-Pjazza kienet suċċess u l-attendenza għaliha kienet ferm akbar minn dik tas-sena l-oħra. Il-Kunsill approva unanimament is-suġġeriment tal-Kunsillier Fenech sabiex sena oħra jiġu ordnati Pulizija għal waqt l-attivita' kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-banda, korijiet eċċ tibda qabel il-ħin ta' din is-sena.

45/07/07 Is-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsillieri u l-istaff tal-Kunsill awguraw l-isbaħ xewqat lir-residenti għall-Milied u s-Sena l-ġdida.

**45/08 Aġġornament**

4508/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.20 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar l-Erbgha 8 ta' Jannar 2014 fil-5.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **8 ta' Jannar 2014** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |